MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 395/2005

**Awtorita` Marittima ta' Malta**

**vs**

**Philip Abdilla**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 26 ta' April 2005 fejn esponiet: -

Illi permezz ta' rikors datat 25 ta' Lulju 1997 fl-ismijiet *Philip Abdilla vs Prim Ministru, Kummissarju tal-Pulizija, Chairman Awtorita` tat-Trasport, Ministru ghall-Port u Trasport* ipprezentat fit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, il-konvenut Philip Abdilla allega li sofra pregudizzju u ngustizzja konsistenti fil-fatt li l-Awtoritajiet

kompetenti naqsu milli japplikaw u jattwaw decizjoni moghtija mill-Kummissjoni kontra Certa Ingustizzji.

Illi l-konvenut ippremetta illi flimkien ma’ ohrajn kien gie allokat permess sabiex ikun jista’ jgorr turisti minn Wied iz-Zurrieq sal-Blue Grotto u lura, liema permess pero` gie mizmum jew ahjar sospiz: wara bidla fl-amministrazzjoni nhass li dawn il-permessi ghandhom jergghu jinhargu imma l-konvenut inqabez.

Illi, skont il-konvenut, minkejja decizjoni favorevoli quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ certa Ingustizzji, il-Prim Ministru naqas li jaghti l-ordni necessarja sabiex dan il-permess jinhareg b’mod illi l-konvenut kien qed jigi mcahhad minn dritt li huwa rebah u din l-ingustizzja kienet qed tirrifletti f’telf kbir ghalih u ghal uliedu li kellhom kull dritt jaghmlu l-istess xoghol.

Illi ghalhekk, fir-rikors tieghu, il-konvenut Abdilla talab lit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji sabiex jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skont l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi ordnat illi tigi nforzata d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ certa Ingustizzji u jinhareg il-permess relattiv u kumpens ta’ Lm5000 sabiex jaghmlu tajjeb ghat-telf li sofra minhabba l-agir diskriminatorju fil-konfront tieghu.

Illi permezz ta’ digriet tat-Tribunal tad-19 ta’ Novembru 2002 giet ordnata l-kjamata in kawza tal-Awtorita` attrici, wara li f’Ottubru 2002 l-Awtorita` msemmija inghatat il-kompetenza li tohrog permessi ghad-dghajjes ghall-garr tat-turisti.

Illi f’decizjoni tat-28 ta Ottubru 2004 (kopja annessa bhala Dok A) it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji ddecieda dwar l-ilment maghmul lilu mill-konvenut billi ordna lill-Awtorita` attrici sabiex tohrog licenzja lill-konvenut ghall-garr ta’ turisti minn Wied iz-Zurrieq liema licenzja tkun soggetta ghal utilita` personali tieghu fl-isfond tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet *Gatt et noe vs Awtorita` Marittima* (Prim Awla 7 ta’ Lulju 2004),

b'dan illi r-rikorrent konvenut ghandu jirrinunzja ghal pensjoni b'effett immedjat jekk jiddeciedi li jopera s-servizz personalment.

Illi l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal hija *ultra vires* u inghatat bi vjolazzjoni tal-ligi *stante* li hija bbazata fuq evalwazzjoni zbaljata tal-ligi u fuq kunsiderazzjonijiet irrelevanti, ghar-ragunijiet segwenti:

(a) Wahda mill-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal fid-decizjoni tieghu hi li "ma hemm l-ebda ligi partikolari illi jirregola s-servizz jew il-licenzja [f'Wied iz-Zurrieq]" u li "matul iz-zmien gew introdotti certi uzanzi li ma jistghux jigu injorati", fosthom illi "licenzja tintiret u tista' tigi kummercjata". Din il-kunsiderazzjoni hija zbaljata *stante* r-Regolamenti dwar Bastimenti Kummercjali tal-2002 jipprovdu fid-dettall dwar hrug ta' licenzji, fosthom ta' Wied iz-Zurrieq;

(b) It-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu anke fuq il-kunsiderazzjoni li l-licenzja ghandha valur ekonomiku *stante* li *licence-holder* jista' "jghaddi din il-licenzja lit-tfal tieghu jew inkella jiddisponi minnha kif intitolat jaghmel". Din l-affermazzjoni hija erronja *stante* li hadd ma jista' "jakkwista" licenzja b'dan il-mod, imma jrid japplika mal-Awtorita` attrici *ai termini* tar-Regolamenti dwar Bastimenti Kummercjali.

(c) Illi bhala konsegwenza, l-ordni tat-Tribunal lill-Awtorita` attrici jidher li jmur kontra r-Regolamenti dwar Bastimenti Kummercjali, *stante* li l-Awtorita` ma tistax tohrog licenzja kif ordnata mit-Tribunal sakemm ma tigix segwita l-procedura u sakemm ma jezistux il-kriterji stabbiliti fl-imsemmija Regolamenti, partikolarment fir-Regolament Numru 19.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tat-28 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet "Philip Abdilla vs Prim Ministru et" (Rikors

252/1997) hija nulla ghax hija *ultra vires* il-poteri tal-imsemmi Tribunal *stante* li inghatat bi vjolazzjoni tal-ligi u hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti; u

2. Thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni *ai termini* tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Philip Abdilla datata 16 ta' Mejju 2005 (fol 18) fejn espona:

1. Illi l-korwenut ma hux il-legittimu kontradittur tal-Awtorita attrici *stante* li hu la hu Awtorita` u l-anqas ma jirrapprezenta t-Tribunal Ghal Investigazzjoni ta' Ingustizzji

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes *stante* illi (a) konsiderazzjonijiet tal-Qorti ma jammontawx ghal gudikat minnhom infisshom u ghalhekk ma jaghtux lok la ghal Appell u wisq anqas ghal azzjoni taht l-Artikolu 469A tal-Kap 12; (b) illi l-Awtorita` Attrici naqset milli tezawrixxi r-rimedji kollha kontemplati mil-ligi qabel intavolat il-prezenti azzjoni; u (c) illi d-decizjonijiet tat-Tribunal Ghal Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma humiex sindakabbli taht l-artikolu 469A tal-Kap 12 *stante* li ma hux Awtorita` fis-sens tal-istess artikolu.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes *stante* li d-Decizjoni tat-Tribunal Ghall-Investigazzjoni fir-Rikors Nru. 252/1997 ma hija affetta minn ebda difett jew zball procedurali jew legalment zbaljata, b'mod li jirrendiha zbaljata.

Salv eccezzjonijiet ohra

Rat ir-rikors tal-Awtorita` attrici datat 15 ta' Novembru 2005 a fol 38 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha

tordna li jigi anness l-atti tal-proceduri quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet “Philip Abdilla vs Prim Ministru et” (Rikors 252/1997) taht dawk il-kundizzjonijiet li hija jidhrilha xierqa u gusti; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba kif jidher bid-digriet moghti fit-22 ta’ Novembru 2005 (fol 39).

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-31 ta’ Mejju 2007 ghat-trattazzjoni, u dan wara li rat il-proceduri ta’ qabel is-smigh quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci LL.D.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Awtorita` Marittima ta’ Malta datata 29 ta’ Marzu 2007 a fol 625 tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut Philip Abdilla datata 17 ta’ April 2007 a fol 638 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Mejju 2007 (fol 645) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Camilleri ghall-Awtorita` attrici u l-konvenut mghejjun minn Dr. Joseph Sammut. Dr. Joseph Camilleri tratta bi twegiba ghas-sottomissjonijiet maghmulin mill-konvenut fl-ittra tieghu fis-17 ta’ April 2007. Dr. Sammut irreplika ghall-konvenut, u l-Qorti qieghda thalli l-kawza ghas-sentenza ghall-31 ta’ Ottubru 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tas-17 ta’ Ottubru 2012 mizmuma quddiem l-istess Qorti kif diversament presjeduta fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Frar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Franco Vassallo ghall-Awtorita` attrici u Dr. Alexia Zrinzo Azzopardi ghall-konvenut. Il-partijiet qablu li l-Qorti ghandha tistrieh fuq il-provi esebiti u n-noti ta’ sottomissjonijiet redatti fl-atti. Il-kawza baqghet ghas-sentenza ghas-27 ta’ Gunju 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### L-Azzjoni Attrici

Din hija kawza intavolata *a tenur* tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz taghha, l-Awtorita` Marittima ta' Malta qed issostni li decizjoni mehuda mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji fit-28 ta' Ottubru 2004 (Rik 252/97) fl-ismijiet "***Philip Abdilla vs Prim' Ministru et***" hija *ultra vires* il-poteri tal-imsemmi Tribunal *stante* li nghatat bi vjolazzjoni tal-ligi u hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Philip Abdilla, kien ressaq ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni kontra Certu Ingustizzji fejn sostna li ghandha tinhariglu licenzja ghall-garr tat-turisti f'Wied iz-Zurrieq. Fis-snin tmenin, hu kellu permess biex igorr it-turisti lejn il-Blue Grotto u lura, u dan gie mizmum. Wara bidla fl-amministrazzjoni, il-permessi regghu inhargu izda l-konvenut inqabez u b'hekk ressaq il-proceduri imsemmija.

Philip Abdilla ottjena decizjoni favorevoli fl-20 ta' Dicembru 1991, *stante* li gie rikonoxxut li kien hemm diskriminazzjoni politika fil-konfront tieghu meta l-permess ma nharigx, izda din id-decizjoni qatt ma giet attwata u baqa' imcahhad mid-dritt li huwa rebah. Ghalhekk ressaq rikors fil-25 ta' Lulju 1997 quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, ghall-infurzar tad-decizjoni ghall-hrug tal-permess u ghad-danni, u dan fl-ismijiet "***Philip Abdilla -v- Prim Ministru, Kummissarju tal-Pulizija, Chairman tal-Awtorita' tat-Trasport, Ministru ghall-Port,*** u b'digriet tad-19 ta' Novembru 2002, *giet kjamata fil-kawza l-**Awtorita` Marittima ta' Malta**.”*

L-intimati f'dawn il-proceduri sostnew li l-process tal-ghoti tal-licenzja lill-applikant kien waqaf ghaliex fit-12 ta'

Ottubru 1992, il-Kummissarju tal-Pulizija gie nfurmat li Philip Abdilla kien qed jircievi pensjoni tal-invalidita` (gie *boarded out)* b'effett mill-14 ta' Jannar 1987, fejn il-Bord iddikjara li "*Philip Abdilla is permanently incapable for work of any kind."* Kienet proprju din id-decizjoni li stallat il-processar tal-licenzja mitluba minnu galadarba kien impedut fizikament milli jaghmel dan it-tip ta' xoghol".

It-Tribunal, izda, fid-decizjoni tieghu tat-28 ta' Ottubru 2004, ha konjizzjoni tal-kondizzjonijiet vigenti fiz-zmien tal-ksur u ordna lill-Awtorita' rikorrenti sabiex tohrog licenzja lill-konvenut basta tkun soggetta ghall-utilita' personali tieghu "*fl-isfond tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Gatt vs Awtorita` Marittima ta' Malta* deciza fis-7 ta' Lulju 2004, b'dan ukoll li r-rikorrent konvenut ghandu jirrinunzja ghall-pensjoni b'effett immedjat jekk jiddeciedi li jopera s-servizz personalment.

**Provi Prodotti**

Xehdet **Catherine Palmier[1], Marine administrator mal-Awtorita' Marittima ta' Malta** inkarigata bl-ipprocessar ta' applikazzjonijiet ghall-ghotja ta' licenzji ghall-operat ta' bastimenti kummercjali u qalet li l-A.L. 284/2002 dahlu fis-sehh fl-1 ta' Ottubru 2002 u jistabilixxi l-*istandards* teknici u ta' sigurta' li jridu jintlahqu mill-applikant qabel ma tkun tista' tinhariglu licenzja biex jopera ma' Malta kollha, inkluz f'Wied iz-Zurrieq.

**In kontro ezami[2]** qalet li l-Awtorita` tikkonsidra kull permess separatament peress li l-permess hu *non transferable.*

"*Ahna li jinteressana skont ir-regolamenti hu li jigi l-applikant japplika, ahna nikkunsidraw kull applikazzjoni, nitolbu certu dokumenti u kriterja, safety…"* Hi sostniet li l-Awtorita` ma tidholx fit-trasferimenti. (L-applikant *"has to satisfy certain criteria of safety."* Iccitat ir-Regolament 27(4) li jirregola x'jigri jekk imut il-*license holder,* li jghid

[1] **Affidavit *a fol.* 52 tal-process.**
[2] *A fol.* 61 et seq. tal-process.

"*Upon the death or dissolution of the owner the license issued in respect thereof shall become null and void.”*

Hi xehdet ukoll li l-intimat qatt ma applika lill-Awtorita`. Hi giet mistoqsija biex tispjega ittra esebita *a fol 81* (**Dok. JS**[3]) datata l-15 ta' April, 1992 indirizzata lil *Water Police Division* mid-Direttur tal-Portijiet, li biha l-Malta Maritime Authority tiddikjara li ma toggezzjonax "*to the request for the use of boat Reg 6758 for the conveyance of passengers at Wied iz-Zurrieq … provided that it is certified seaworthy*" Din l-ittra tirrigwarda lill-intimat odjern.

Skont ix-xhud il-licenzji dak iz-zmien ma kienux jinhargu mill-Malta Maritime Authority u ghalhekk l-applikazzjoni ma tkunx giet ghandhom. Skont id-Dok ***JS1***[4] jirrizulta li Philip Abdilla applika biex jirregistra mal-Pulizija l-ingenju tal-bahar no. S-6758 hemm deskritt ghall-garr ta' passiggieri lejn f'Wied iz-Zurrieq u d-dintorni.

**Philip Abdilla** xehed[5] li kien applika ghal-licenzja mal-ghassa tal-Pulizija tal-Belt fis-sena 1984 izda qatt ma applika mal-Awtorita' Marittima ta' Malta u hlief ghall-ittra tal-15 ta' April 1992 ma kien hemm ebda korrispondenza ohra.

## Eccezzjonijiet Sollevati

Illi ma hemmx dubju li din il-kawza istitwita mill-attur titratta dwar ezercizzju ta’ *judicial review* minn decizzjoni moghtija mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji stabbilit bl-**artikolu 3 tal-att Numru VIII tal-1997 (Kap 394 tal-Ligijiet ta' Malta,** *a tenur* tal-artikolu **469A tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi l-fatti tal-kaz mhumiex in kontestazzjoni w l-Qorti ser tghaddi minnufih ghall-eccezzjonijiet issollevati mill-intimat peress li dawn iqajmu diversi punti legali.

[3] *A fol.* 81 tal-process.

[4] Esebit *a fol. 80 tal-process.*

[5] Xhieda *a fol.* 620 et. seq. tal-process.

**(A) L-EWWEL ECCEZZJONI - Legittimu Kontradittur**

Illi l-konvenut eccepixxa preliminarjament li mhuwiex il-legittimu kontradittur tal-Awtorita' attrici *stante* li la hu Awtorita' u lanqas ma jirrapprezenta lit-Tribunal ghal Investigazzjoni tal-Ingustizzji.

Illi jirrizulta li t-talba odjerna hija ghat-thassir tad-decizjoni li ittiehdet mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji. Izda indubbjament dawn il-proceduri kienu istigati mill-intimat stess. L-attur b'hekk isostni li ma jistax jinghad li l-intimat m'ghandu ebda interess guridiku fit-talba odjerna.

Il-konvenut jargumenta li l-legittimu kontradittur huwa l-Avukat Generali u l-prezenza tal-konvenut ma tissanax in-nuqqas tal-persuna tal-Avukat Generali li <u>huwa indispensabbli</u>. Apparti dan l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta jimponi procedura ta' notifika lill-Avukat Generali, liema notifika ma saritx.

Huwa minnu li l-attur qed jitlob it-thassir ta' decizjoni ta' Tribunal, izda ma jistax jinghad li l-konvenut hu ghal kollox estraneju ghal dawn il-procedimenti in kwantu kien hu li mexxa l-proceduri quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, u, *inoltre,* decizjoni ta' din il-Qorti fuq it-talbiet f'din il-kawza bilfors ser thalli l-effetti guridici taghha fuq l-intimat. Fl-ahhar mill-ahhar l-ordni tat-Tribunal li qed tigi impunjata hija dik ta' hrug ta' licenzja <u>f'isem il-konvenut</u> u hu ser ikun l-aktar milqut jekk din l-ordni tithassar.

Ghaldaqstant din l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.

(**B) It-Tieni eccezzjoni - Applikabbilta tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**

Il-konvenut jghid li l-artikolu citat ma japplikax ghall-kaz in ezami *stante* li:-

i) il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti ma jammontawx ghall-gudikat u ghalhekk ma jaghtux lok la ghall-Appell u wisq inqas ghall-azzjoni taht Artikolu 469A;

ii) L-Awtorita' attrici naqqset milli tezawrixxi r-rimedji kollha kontemplati mil-Ligi qabel ma ntavolat il-kawza odjerna;

iii) Id-decizjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji mhumiex sindakabbli taht l-Artikolu 469A *stante* li mhiex Awtorita' fis-sens tal-Artikolu.

**i) "Konsiderazzjonijiet ma jammontawx ghall-gudikat"**

Qabel xejn jigi precizat li l-istharrig gudizzjarju tad-decizjoni ta' Tribunal Amministrattiv m'ghandux jigi kkonsidrat bhala appell minn dik id-decizjoni. Din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal, u, kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Prim' Ministru vs Joseph Rizzo"** (P.A. (RCP) 3 ta' Ottubru 2000):

"*Din il-Qorti hija hekk limitata fil-gurisdizzjoni taghha, b'mod li tara li l-istess Tribunal ma agixxiex ultra vires u li gew osservati l-principji tal-gustizzja naturali, u bl-ebda mod ma ghandu fil-kwistjoni li giet 'ex lege' mhollija fil-kompetenza esklussiva tal-istess Tribunal, b'dan ghalhekk li l-ezercizzju li taghmel din il-Qorti certament ma huwiex wiehed ta' revizzjoni u zgur mhux wiehed ta' Qorti ta' Appell, b'mod li m'ghandha qatt tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-istess Tribunal.*"

Dan il-principju jsib il-bazi guridiku tieghu fil-gurisprudenza kostanti u assodata li taghti lill-qrati ordinarji l-gurisdizzjoni limitata li tissindika d-decizjonijiet ta' Tribunali amministrattivi. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 124(10) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li tannunzja l-principju generali u cioe`:-

"*Ebda disposizzjoni ta' din il-Kostituzzjoni illi xi persuna jew awtorita' ma tkunx suggetta ghad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorita' ohra fl-ezercizju ta' xi funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni ma ghandha*

*tiftiehem bhala li tipprekludi qorti milli tezercita gurisdizzjoni dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew awtorita` tkun qdiet il-funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni jew xi ligi ohra*."

Dan l-Artikolu tal-ligi kjarament "*jissoggetta lil kull persuna u lil kull Awtorita' li taqdi funzjoni pubblika, ghall-iskrutinju tal-qrati bil-ghan li jigi accertat li l-poter lilhom moghti qed jigi ezercitat skont u fil-limiti tal-ligi, kemm ordinarja kif ukoll u dik kostituzzjonali*." **"Il-Kummissarju tal-Pulizija -v- Edgar Borg."**[6]

F'dik il-kawza, il-Qorti qalet li "*Mill-premess ghandu jirrizulta car u manifest li, il-fatt li l-ligi tikkonsidera d-decizjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji bhala finali u li minnhom ma hemmx appell, ma jeskludix il-gurisdizzjoni ta' dawn il-qrati sabiex jissindikaw l-operat taghha, limitatament kif fuq indikat, u senjatament li din tkun agixxiet intra vires il-poteri konferiti lilha, fil-limiti tal-ligi kostituttiva taghha, u li gew osservati d-drittijiet fondamentali tal-bniedem sanciti mill-Kostituzzjoni*."

(Ara wkoll **"V. Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku"** (Qorti Kostituzzjonali 21 ta' Jannar 1985).

Issa l-konvenut qed jghid li din il-kawza ma treggix ghaliex l-attur qed jistrieh fuq il-konsiderazzjonijiet li ghamel it-Tribunal meta wasal ghad-decizjoni tieghu.

Hemm qbil li l-konsiderazzjonijiet mhumiex "*id-decide"* tat-Tribunal u ghaldaqstant l-ilment tal-konvenut ghandu certu mertu.

Madanakollu l**-Artikolu 469A** tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li:-

*(1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta' xi ghemil amministrattiv jew li*

---

[6] PANC- dec. 22 ta' Ottu bru 2004 (Cit. 1209/2003).

*jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss: (inter alia)*

*(b) meta l-ghemil amministrattiv ikun' ultra vires' ghal xi raguni minn dawn li gejjin:*
*.....*

*(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorità pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;" (*enfasi tal-Qorti).

B'din il-kawza mhux qed jigi investigat daqstant il-veracita' tal-fatti li gew ikkonsidrati mit-Tribunal fir-ragonamenti tieghu (u allura din il-Qorti ghandha tkun ferm kawta biex ma tidholx fl-ambitu tad-diskrezzjoni esklussiva tat-Tribunal) pjuttost milli s-sisien tad-decizjoni taghha fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti jew anke manifestament zbaljati.

Riferenza qed issir ghall-applikazzjoni tad-duttrina ta' *reasonableness* bhala standard ghall-istharrig tal-agir amministrattiv. Dwar il-pozizzjoni tal-Qrati Inglizi (li jispiraw il-Qrati taghna f'din il-materja) l-awtur **H. W. R Wade**, fil-ktieb tieghu **Administrative Law,** jikkummenta hekk:-

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."[Lord Wrenbury].*

Il-Qorti tirreferi ghal dak deciz fil-kaz "***Debono v Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku"***[7] fejn il-Qorti pprecizat li "l-*Artikolu **469A(1)(b)(iii)** ma jfissirx li l-Qorti ser tezamina l-mertu tal-kaz quddiem l-Awtorita', imma jekk l-Awtorita'*

[7] PA GCD - 12 ta' April 1999

*wasslet ghad-decizjoni taghha abbazi ta' improper purpose'* jew konsiderazzjonijiet irrilevanti."

Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni, din l-eccezzjoni ma tistax ghalhekk tintlaqa'.

**ii) "L-Awtorita` attrici naqqset milli tezawrixxi r-rimedji kollha kontemplati mil-Ligi qabel ma ntavolat il-kawza odjerna"**

Ikkonsidrat li l-Artikolu **469A(4)** jghid :

*"(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra."*

Skont kif gie ribadut fil-kaz **"*Cauchi v Awtorita' tal-Ippjanar*"**[8] dan is-subartikolu "*m'ghandux jinghata interpretazzjoni restrittiva. L-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti biex tistharreg l-ghemil amministrattiv tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li fil-prattika persuna kellha rimedju effikaci u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irragonevolment ma tutilizzax tali proceduri disponibbli."*

Illi skont l-artikolu 7(9)(c) tal-Att VIII tal-1997, ma hemmx appell mid-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, liema decizjoni tkun finali.

Fid-dawl ta' din id-dispozizzjoni, ma jirrizultax li hemm rimedju iehor effettiv li huwa disponibbli ghall-attur f'din il-kawza, u ghalhekk din l-eccezzjoni hija wkoll respinta.

**iii) Id-decizjonijiet tat-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji mhumiex sindakabbli taht l-Artikolu 469A *stante* li mhiex Awtorita' fis-sens tal-Artikolu"**

Bhala principju, din il-Qorti tafferma li ma hemm l-ebda dubju li hi ghandha l-kompetenza originali li taghmel l-

[8] App. Civ. 5 ta' Ottubru 2001

ezercizzju ta’ stharrig amminstrattiv tad-decizjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-17 ta’ Mejju 1993, fl-ismijiet "***Dottor Vincent Falzon nomine vs Grima"*** (Vol.LXXVII.ii.292) u "***Wilfred Privitera vs Anthony Bonello****"* (-Deciza fil-11 ta’ Frar 1993) fejn inghad illi ghalkemm Tribunal jew Bord jista’ jinghata b’ligi l-gurisdizzjoni esklussiva sabiex jiddeciedi kazijiet specifici, bl-eskluzzjoni tal-Qrati ordinarji, l-istess qrati ordinarji xorta huma kompetenti biex jissindakaw l-operat tal-istess Tribunal u s-sentenzi tieghu ‘*però limitatament ghall-tliet kategoriji ta’ difetti - (a) eccess ta’ gurisdizzjoni, (b) nonosservanza tal-istess ligi kostitwita … u finalment (c) non-osservanza ta’ xi wiehed mill-principji fondamentali tal-gustizzja*’.”

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "***Thomas Montalto vs Maggur Stanley J. A. Clews et”*** deciza mill-
Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Mejju 1987 (Vol.LXXI.iii.688) fejn wara li l-istess Qorti stabbiliet illi t-Tribunal Industrijali ma huwiex ‘*Qorti*’ fit-termini tad-dispozizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni, ikkonfermat illi l-Prim’ Awla ghandha gurisdizzjoni doppja fuq l-istess Tribunal u cioè li tara li dan l-istess organu gudizzjarju jimxi skont il-ligi u fil-limiti tal-ligi, u b’hekk ma jezorbitax il-kompetenza tieghu, u wkoll li l-istess Tribunal jimxi skont il-Kostituzzjoni u b’hekk ma jkun hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem.

Illi, madanakollu, il-kawza odjerna hija pernjata fuq l-artikolu 469A tal-Kap 12 kif jirrizulta mit-tieni talba li permezz taghha s-socjeta` attrici qed tindika l-Artikolu 469A bhala l-artikolu li jirregola t-talba ghat-thassir tad-decizjoni in kwistjoni.

Illi ghalhekk din il-Qorti bilfors trid tikkonsidra l-azzjoni odjerna mill-ottika ta' dan l-artikolu li fis-sub-artikolu (2) jaghti s-segwenti definizzjoni:

*"**469 A(2)** F’dan l-artikolu - "**awtorità pubblika**" tfisser il-Gvern ta’ Malta, maghdudin il-Ministeri u dipartimenti*

*tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud (bl-Ingliz "body corporate") kostitwit permezz ta' ligi."*

Illi kkonsidrat il-funzjoni tat-Tribunal. Skont l-**artikolu 6 ta' l-att VIII tal-1997**, ghandu s-setgha li "*jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn kull individwu li jallega li jkun garrab ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, esklussjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacità jew restrizzjoni li kellha iggarrab, b'xi azzjoni mehuda mill-Gvern jew korp imwaqqaf b'ligi skont kif provdut* ***fl-artikolu 2*** *ta' l-istess Att*."

Illi mbaghad **is-subartikolu (11) tal-istess artikolu 7** jipprovdi li "*jkun dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta rrakkomandazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabilixxi l-proceduri*
*u jaghti dawk id-direttivi li jkunu mehtiega ghat-twettiq ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet*."

Illi l-Qorti tosserva li minn dawn il-provedimenti jidher car li d-decizzjonijiet tal-istess Tribunal ma humiex ezegwibbli *per se* mill-istess Tribunal, izda huma rakkomandazzjonijiet li ghandhom jigu mplimentati mill-Prim Ministru. Madanakollu ma jistax jinghad li t-Tribunal jaqdi funzjoni merament konsultattiv peress li l-Prim Ministru huwa marbut, anzi huwa "d-dmir tieghu" li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal billi jistabbilixxi dawk il-proċeduri u jagħti dawk id-direttivi li jkunu meħtieġa għat-twettiq ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

Il-Qorti tifhem li t-Tribunal jezercita funzjoni gudizzjarju fit-twettiq tal-mansjonijiet tieghu.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Cecil Pace vs l-Onorevoli Prim Ministru et"** deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru 1997 jinghad hekk: "*Tribunal jew, kif grafikament espress fil-Kostituzzjoni "awtorita' gudikanti" imwaqqaf b'ligi biex ikun jista' jikkwalifika bhala tali jehtieg li jkun karatterizzat bil-fatt li jkun korp b'funzjoni gudizzjarja bil-fakolta' li jiddetermina u jiddeciedi materji li skont dik il-ligi jaqghu*

*fil-kompetenza tieghu. Hu korp li jehtieg li jipprocedi skont ir-regoli precizi u ben stabbiliti fil-ligi li tikkostitwih u li jiddeciedi skont dawk ir-regoli. Ghandu jkollu l-poter li jorbot lill-partijiet li jidhru quddiemu in kontestazzjoni u d-decizjoni tieghu jehtieg allura li jkollha effett vinkolanti anke jekk mhux necessarjament b'mod finali. Mill-banda l-ohra dan il-korp mhux necessarjament ikun jifforma parti mill-istruttura gudizzjarja ordinarja pero' jrid jinkorpora fih dawk il-karatteristici fondamentali assocjati mal-process gudizzjarju li jkunu jiggarantixxu smigh xieraq fosthom dak il-minimu ta' indipendenza u mparzjalita' essenzjali biex juru li mhux biss il-gustizzja tkun qed issir sewwa u kif mistenni imma li jkun hemm jidher fid-deher li hekk ikun qed isir. Dan l-insenjament gie elaborat mhux biss mill-gurisprudenza nostrana - kif indikat fis-sentenza tal-Prim' Istanza - imma wkoll minn dik tal-Qorti Ewropea."*

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li t-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma jaqax *stricto juris* fid-definizzjoni ta' "*Awtorita`"* kif imfisser fl-artikolu **469A(2) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jaghti tifsira preciza ghall-kelma "Awtorita`" u ma jhallix spazju ghall-definizzjoni iktar wiesgha.

Ghaldaqstant ghalkemm huwa assodat li l-Qrati ghandhom il-jedd li jissindakaw l-operat tat-Tribunal skont principji <u>generali</u> ben stabbiliti, il-konvenut huwa korrett meta isostni li l-operat tat-Tribunal mhuwiex sindakabbli abbazi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12.

Il-Qorti hija marbuta mal-indoli tal-azzjoni kif espressa mill-att istituttiv tal-gudizzju. L-iskop tal-kawza huwa dak carament espress fit-tieni talba - it-thassir <u>*ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12.</u>

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi milqugha.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjoni dedotta fil-paragrafu 2(c) tan-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-

16 ta' Mejju 2005, u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra hawn fuq ikkonsidrati, **Tichad** it-talbiet attrici.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------